**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru.: 283/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-Vs-**

**JUANITO JIMENEZ**

**(ID: 242693 M)**

**Illum, 9 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat illi **JUANITO JIMENEZ**, 27 sena, iben Pedro Juan u Pauline nee' Deguara, imwieled Pieta', nhar is-26 ta' Mejju, 1993 u li joqgħod nru. 12, Sqaq id-Duluri nru. 1, Ħamrun, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 242693M tressaq quddiemha akkużat talli nhar il-25 ta' Ġunju, 2020, għall-ħabta tas-2pm, u/jew fil-jiem ta' qabel matul Ġunju, 2020, ġewwa *Chemistry Building* fl-Universita' ta' Malta, Msida:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu, u bil-lok, għad-dannu ta' l-Universita' ta' Malta, il-Gvern ta' Malta, u/jew xi persuna/i u/jew xi entita' jew entitajiet oħra;

2. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mil-volonta' tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin ewro u sebgħa w tletin ċentezmu, u bil-lok, għad-dannu ta' l-Universita' ta' Malta, il-Gvern ta' Malta, u/jew xi persuna/i u/jew xi entita' jew entitajiet oħra;

3. F'dawn il-gzejjer, naqas milli jħares xi kondizzjoni jew kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D.), bis-sahha ta' digriet datat 29 ta' Novembru, 2018 (mill-Imhallef Giovanni Grixti LL.D.), permezz ta' liema digriet l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li "*4. li ma tikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlus mill-arrest*".

Il-Qorti hija ġentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għal dan ir-reat, tirrevoka *'contrario imperio'* id-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 29 ta' Novembru, 2018, u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat Juanito Jimenez. Kif ukoll, li tordna li l-ammont ta' elfejn (€2,000) Euro, bħala depożitu, u tlett elef (€3,000) Euro, bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-beneficcju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

4. F’dawn il-gzejjer, naqas milli jhares xi kondizzjoni jew kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imhallef Dr. Aaron Bugeja LL.D), bis-sahha ta’ digriet iehor datat 15 ta’ Mejju 2020, permezz ta’ li ema digriet l-istess imputat kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li “4. li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest”

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghal dan ir-reat, tirrevoka ‘*contrario imperio’* id-digriet tal-helsien mill-arrest datat 15 ta’ Mejju 2020, u tordna l-arrest mll-gdid ta’ l-imputat Juanito Jimenez. Kif ukoll, li tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imputat Juanito Jimenez. Kif ukoll, li tordna li l-ammont ta’ hamest’elef (€5,000) Euro, bhala depozitu, u ghaxart’elef (€10,000) Euro, bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-17 ta’ Ġunju 2021 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

- Fl-artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(a)(b), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 276, 277(a)(b), 278(1)(2), 279(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Saret korrezzjoni fl-akkużi fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2020.

- Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tas-7 ta’ Ottubru 2021 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fil-15 ta’ Novembru 2022 u d-dokument li juri li kopja tagħha ntbagħet lill-avukat difensur tal-imputat;

Rat illi minkejja li d-difiża ngħatat fuq talba tagħha stess terminu ta’ żmien biex tippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet in linea ta’ trattazzjoni, l-ebda nota ma ġiet ippreżentata u ma ġiet mitluba l-ebda estensjoni ta’ dan it-terminu;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ jikkonċerna żewġ episodji ta’ attentat ta’ serq mill-binja tal-Fakolta’ tal-Kimika fl-Universita’ ta’ Malta fejn l-imputat qed jiġi mixli b’assoċjazzjoni kriminali bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq u b’żewġ kapi tal-attentat serq. Mill-provi proċesswali jirriżulta illi seħħew żewġ tentattivi ta’ serq minn ġewwa l-binja tal-Fakolta’ tal-Kimika: wieħed fit-12 ta’ Ġunju 2020 għall-ħabta tas-7.17 p.m. u ieħor fil-25 ta’ Ġunju 2020.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet provi dwar l-isgass u dħul fil-Fakolta' tal-Kimika ġewwa l-Universita' ta' Malta li seħħ fit-12 ta' Ġunju 2020, m'hijiex sodisfatta illi dan l-addebitu jiffigura fil-parametri ta' żmien - kif indikat fiċ-Ċitazzjoni - li fih ġie allegatament kommess ir-reat. Fiċ-Ċitazzjoni, l-imputat ġie mixli li huwa kkommetta r-reat ta' assoċjazzjoni kif ukoll ir-reat ta' attentat ta' serq, fost reati oħrajn, "*Nhar il-25 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta tas-2pm, u / jew fil-jiem ta' qabel matul Ġunju 2020, ġewwa Chemistry Building fl-Universita' ta' Malta, Msida*". Il-Qorti ma taqbilx illi l-indikazzjoni tal-"*jiem ta' qabel matul Ġunju 2020*" tista' titwessa' biex tinkludi fiha data li tiġi xejn inqas minn ġimagħtejn qabel u tqis illi biex reat li qed jiġi allegat li ġie kommess fil-jiem ta' qabel il-25 ta' Ġunju 2020 dan irid ikun seħħ jumejn jew tliet ijiem qabel u f'kull każ mhux iktar minn ġimgħa qabel id-data indikata.

Dan l-insenjament huwa ormai paċifikament assodat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u huwa biżżejjed li ssir referenza fir-rigward għas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani**[2] fejn ċitat b'approvazzjoni mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') v. Emanuel Ellul**[3]:-

"*Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex il-Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.*

… … …

*Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-*

---

[2] *Ibid*.

[3] 10th April 2019, delivered by this Court as presided. Cited with approval in the judgement delivered by the Court of Criminal Appeal in the names **Il-Pulizija v. Harish Daswani** on the 1st September 2020.

*binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi illi l-imputat kien ilu jislef flus lill-konjugi Worley sa minn Novembru 2010 u kwindi fuq medda ta' iktar minn sena. Multo magis meta r-reat in kwistjoni huwa meqjus bhala wiehed istantanju u m'huwiex wiehed ta' natura permanenti, ghalkemm tul iz- zmien kollu li fih jithallsu imghaxijiet jew jigi percepit qligh jew korrispettiv b'eccess minn dak permess mil-ligi, ghandu effetti permanenti. Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal- fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata, u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel. Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl- imputazzjoni, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012.*"

Iżda b'żieda ma' dan, għandu jiġi osservat ukoll illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-fatti li seħħew fit-12 ta' Ġunju 2020, m'humiex biżżejjed biex abbażi tagħhom tinstab ħtija fl-imputat għar-reati li qed jiġi allegat li seħħew fit-12 ta' Ġunju 2020. Huwa minnu li fir-rigward ġie esebit rapport forensiku bir-ritratti tal-lok fejn seħħ l-isgass u d-dħul mit-tieqa[4] u ritratti ta' marki elevati mit-tieqa in kwistjoni[5], kif ukoll ġew esebiti l-filmati tal-cameras mis-sistema CCTV li juru tnejn jew tliet individwi jipprovaw jidħlu mill-bieb prinċipali tal-Fakolta' fit-12 ta' Ġunju 2020[6] u xehdu wkoll fir-rigward, Peter Burgess, Clayton Xeuereb kif ukoll Reuben Mifsud, iżda l-Qorti ma rriskontrat l-ebda evidenza li torbot lill-imputat odjern ma' dan l-episodju u m'hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri li huwa kien tassew wieħed mill-

[4] Dok. ED1. Ara xhieda ta' PS385 E. Dalli.
[5] Relazzjoni ta' PS637 Kevin Manicolo, Dok. KM1. Madankollu, l-Ispettur Colin Sheldon xehed (xhieda tas-17.2.2021 u 24.3.2021) li dawn l-impronti ma jaqblu mal-impronti tal-imputat li diġa' jinsabu reġistrati fis-sistema tal-Pulizija.
[6] Ara relazzjoni Donald Tabone Dok. DT1, xhieda tal-24 ta' Marzu 2021, u DVDs Dok. RM1 u RM2.

persuni li xehed dwarhom Peter Burgess u li del resto jidhru fil-filmati. Fil-fatt, l-imputat baqa' ma ġiex identifikat minn dawn ix-xhieda bħala wieħed mill-malviventi[7] u lanqas m'hu identifikabbli fil-filmati tat-12 ta' Ġunju 2020 u fil-fotogammi relattivi fejn jidhru dawn il-persuni.

Filwaqt li huwa minnu li l-Ispettur Joseph Merciexa xehed illi huwa għaraf lill-imputat bħala wieħed mill-persuni li kienu baqgħu barra l-blokka jistennew waqt li l-oħrajn kienu daħlu, il-Qorti rat il-filmati tat-12 ta' Ġunju 2020 u l-fotogrammi estratti mill-istess filmati u mkien ma riskontrat persuna li jixbaħ remotament lill-imputat. Tosserva in fine li fix-xhieda tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur baqa' ma indikax f'liema ritratti jew f'liema waqt fil-filmati suppost jidher l-imputat Juanito Jimenez u fil-fatt stqarr fix-xhieda tiegħu li ma jingħarafx sew[8].

Għaldaqstant, l-imputat mhux sejjer jinstab ħati tal-attentat ta' serq li seħħ fit-12 ta' Ġunju 2020.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru illi seħħ attentat ieħor ta' serq fil-25 ta' Ġunju 2020.

**PC516 John Pizzuto** xehed illi huwa ġie infurmat illi kien hemm sgass ġewwa l-laboratorju tal-kimika ġewwa l-Universita' ta' Malta u kif wasal fuq il-post iltaqa' ma Godwin Sammut li urieh fejn kien hemm sgass: huwa ra li l-bieb ta' barra tal-blokka fuq in-naħa ta' wara fejn hemm il-parkeġġ kif ukoll il-bieb tal-aluminium fuq il-bejt fir-raba' sular tal-blokka, kienu sgassati iżda l-bieb li jiġi wara l-bieb tal-bejt, li hu tal-ħadid, ma kellu l-ebda sinjal ta' sgass. Dan ġie affermat minn PS1320 Sean Axiaq li żied li l-bieb ta' barra tal-blokka kien sgassat b'lieva fejn kien hemm ukoll daqqiet fuq il-bieb.

---

[7] Ara xhieda ta' Peter Burgess, 8 ta' Lulju 2020.
[8] Xhieda tas-27 ta' Ottubru 2020.

**Reuben Mifsud**, Senior Executive u Facilities Manager ġewwa l-Universita' ta' Malta xehed illi fil-25 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta ta' 1.30 pm. irċeiva telefonata li kien daqq l-alarm tal-Fakolta' tal-Kimika li jfisser illi kien hemm dħul fl-ogħla sular tal-binja. Ftit tal-ħin biss wara, huwa ra l-camera tas-sistema CCTV li hemm barra l-binja fl-*unloading area*, fejn osserva tliet individwi li kienu qegħdin javviċinaw il-bieb tal-ġenb tal-Fakolta' iżda dak il-ħin fil-binja kellhom ikun hemm biss xi żewġ membri tal-istaff u dawn l-individwi ma kienux jidhru li huma membri tal-istaff. Spjega wkoll illi dak iż-żmien ħadd ma seta' jkollu aċċess għall-Fakolta' tal-Kimika ħlief permezz ta' *access card*[9]. Huwa baqa' jsegwi l-cameras li hemm ġewwa l-Fakolta' u dehru l-istess individwi ħerġin lejn il-bejt fejn hemm *emergency exit door* u ħarġu fuq il-bejt fejn ukoll hemm cameras istallati, filwaqt li wieħed minn dawn il-persuni mar fejn bieb partikolari u jidher jipprova jisgassa l-bieb ta' kamra li tissejjaħ "*evidence room*" fejn isiru t-testijiet tal-evidenza tal-Qorti. Ix-xhud fisser li din il-kamra għandha żewġ bibien, wieħed tal-aluminium barra u ieħor tal-ħadid ġewwa u ra fuq il-filmat illi kif infetaħ l-ewwel bieb tal-aluminium, daqq l-alarm u l-persuni kollha ħarġu jiġru 'l barra[10].

**L-Ispettur Joseph Mercieca**, fir-rigward tal-attentat ta' serq li seħħ fil-25 ta' Ġunju 2020, xehed[11] illi meta huwa eżamina fuq is-sistema tal-Pulizija r-ritratti tal-persuni mfittixija, liema ritratti kienu nħarġu mill-filmati li ġew mgħoddija lill-Pulizija, għaraf lill-imputat bħala wieħed mit-tliet persuni li daħlu fil-binja u pprovaw jisgassaw il-bieb tal-laboratorju fejn id-droga tiġi analizzata mill-espert li jkun imqabbad mill-Qorti, Godwin Sammut u għarfu wkoll bħala l-istess persuna li jidher fil-filmat jipprova jisgassa l-ewwel bieb tal-laboratorju. Huwa għaraf lill-imputat Juanito Jimenez mhux biss għaliex jidher ċar ħafna fir-ritratti u fil-filmat dwar dan l-episodju[12], iżda wkoll għaliex fil-passat kien arrestah u prosegwih quddiem il-Qorti

[9] Ara wkoll xhieda ta' Clayton Xuereb, 8 ta' Lulju 2020.
[10] Ix-xhud esebixxa l-filmat fuq DVDs Dok. RM1 u RM2.
[11] Xhieda tas-17 ta' Settembru 2020.
[12] « *… żgur m'hemmx ombra ta' dubju* »

f'każ separat u kien b'hekk li l-Pulizija waslu biex iressqu proprju lilu in konnessjoni ma' dan il-każ.

**L-istess Godwin Sammut** xehed illi fil-25 ta' Ġunju 2020 kif kien ħiereġ mill-Fakolta' tal-Kimika ġewwa l-Universita' ta' Malta għall-ħabta tas-1.30 p.m., huwa nnota persuna mhux familjari fil-parkeġġ li kien daqsxejn twil, u proprju dak il-ħin ċempillu s-superjuri tiegħu u qallu li kien daqq is-sistema tal-alarm. Huwa ra żewġ persuni oħrajn lebsin maskri tal-covid, wieħed minnhom ftit qasir, ġejjin lejn din il-persuna u niżlu lkoll lejn il-parkeġġ t'isfel. Huwa daħal fil-binja tal-Fakolta' biex jara x'kien ġara peress illi ġaladarba daqq l-alarm ifisser li kien hemm *security breach* f'waħda mill-kmamar li hemm fuq il-bejt, li fiha ssir analiżi għall-Qorti ta' droga u sustanzi illeċiti li jinqabdu mill-Pulizija. Spjega illi din il-kamra għandha bieb normali u wkoll *security door*. Huwa ra wkoll li kien hemm sgassar fil-bieb t'isfel ċioe' l-entratura tal-binja fuq wara.

**Prof. Emanuel Sinagra**[13] xehed illi fil-25 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta tas-1.20 pm irċieva telefonata mill-alarm tad-Dipartiment tal-Kimika. Fil-pront huwa daħal fil-binja u osserva li kien hemm sgass fil-bieb tal-laboratorju li hemm fuq il-bejt tal-binja, li fih strumenti għall-analiżi ta' kampjuni fosthom ta' sustanzi illeċiti, sigaretti u xorb kuntrabandu u kkonferma li dan il-bieb kien infetaħ u ma setax jissakkar wara. Ikkonferma wkoll li ma kienx hemm sustanzi jew kampjuni fil-laboratorju dakinhar għaliex dawn jinzammu f'post separat iżda kien hemm apparat ta' valur sostanzjali li seta' jsirlu l-ħsara.

Il-ħsara fiż-żewġ bibien tal-binja tal-Fakolta' tal-Kimika jidhru fir-ritratti formanti parti mir-rapport li ġie mħejji minn WPC 156 Lara Garcia in konnessjoni mal-investigazzjonijiet dwar l-attentat ta' serq fil-25 ta' Ġunju 2020[14]. Joseph Saliba, li kien inkarigat biex jagħti stima tal-prezz biex isiru żewġ bibien ġodda fil-binja tal-Kimika, xehed illi meta mar jieħu l-qisien fuq il-post u ra ż-żewġ bibien li kellhom

---

[13] Il-Kap tad-Dipartiment tal-Kimika u Dekan tal-Fakolta' tal-Kimika fl-Universita' ta' Malta.
[14] Dok. LG1. Speċifikatament, ritratti a fol. 128 sa 131 u fol. 133 sa 137.

jinbidlu, ma kien fihom l-ebda ħsara u kkonferma "*xejn riedu jibdluhom għax kienu antiki*"[15]. Madanakollu, Clayton Xuereb xehed illi l-istima ta' Joseph Saliba kienet saret in konnessjoni ma' żewġ bibien, li wieħed minnhom m'għandux x'jaqsam ma' dan il-każ u kkonferma illi l-bieb li kellu jinbidel minħabba l-ħsara kien l-*emergency door* t'isfel li daħlu minnu l-malviventi u l-prezz ta' dan il-bieb kien ta' €850 pju' VAT kif indikat fuq l-istima Dok. JS1. Ikkonferma wkoll illi l-bieb ta' fuq il-bejt għalkemm kien ġarrab xi ħsarat, ma kienx fih ħsara sostanzjali u din issewwiet mill-*maintenance personnel* tal-Universita' stess[16].

Il-Qorti tinnota li l-imputat ma ġiex mixli li kkaġuna ħsara volontarja u fil-fatt, l-Avukat Ġenerali baqa' ma indikax id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 bħala wieħed mir-reati li seta' jinstab ħati tiegħu l-imputat odjern, minkejja li hu evidenti illi l-imputat jidher fir-ritratti meħudin mill-filmati[17] qiegħed jillieva l-bieb fuq il-bejt li kif xehed Clayton Xuereb, ġarrab xi ħsara. Barra dan, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li juru sodisfaċjentement u lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat odjern li kkaġuna l-ħsara fil-valur ta' €850 fl-*emergency door* t'isfel tal-Fakolta' tal-Kimika[18].

Ikkunsidrat;

Minn analizi tax-xhieda u l-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta inkonfutabbilment illi fil-25 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta tas-1.20 p.m. tliet persuni sgassaw il-bieb tal-Fakolta' tal-Kimika ġewwa l-Universita' ta' Malta u pprovaw in segwitu jisgassaw wkoll il-bieb li jagħti aċċess lill-laboratorju fejn isir l-analiżi ta' droga u sustanzi oħrajn għall-fini ta' prova fil-qrati. Iżda dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk fil-kumpless ta' dawn il-provi, diretti kif ukoll ċirkostanzjali, hemm

[15] Ara stima Dok. JS1, fol. 189 – stima ta' €2,584.20.
[16] Il-Qorti fehmet illi l-bieb tal-aluminium li nbidel minħabba l-ħsara tal-illievar huwa dak li jidher fir-ritratti li jinsabu f'paġni 133 sa 137 tal-atti proċesswali, anke għaliex fix-xhieda tiegħu, Clayton Xuereb eskluda li dan il-bieb huwa l-bieb tal-injam jew il-bieb tal-aluminium li jidher f'paġna 124.
[17] Ara per eżempju ritratti ossia still a folio 279 sa 287 tal-atti tal-kawża.
[18] Ir-ritratti f'paġni 351, 352, 353 u 354 tal-atti tal-kawża ma jurux lill-imputat jikkaġuna ħsara lil dan il-bieb.

biżżejjed evidenza biex tikkonvinċi sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu.

Fil-fatt, għas-sejbien ta' ħtija kriminali, is-sistema ġuridiku tagħha jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[19], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[20].

[19] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

[20] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[21]

Issa stabbilit li kien hemm tliet persuni li fil-25 ta' Ġunju 2020 sgassaw il-bieb tal-binja tal-Fakolta' tal-Kimika u fetħu wkoll bi sgass l-ewwel bieb li jagħti aċċess għal-laboratoju li jinsab fit-tielet sular tal-binja, liema persuni jidhru ċar fil-filmati tal-cameras istallati barra kif ukoll ġewwa l-binja, il-Qorti trid tindaga biex tara jekk l-imputat kienx effettivament wieħed minnhom.

[21] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

Wara li fliet ix-xhieda u l-provi kollha, il-Qorti fehmet illi l-unika prova li torbot lill-imputat odjern mal-isgass u mal-attenatat ta' dħul fil-kamra msejħa "*evidence room*", tikkonsisti fil-filmat tal-cameras tas-sistema CCTV istallat ġewwa l-binja tal-Fakolta' tal-Kimika. Filmati li ġew esebiti fl-atti proċesswali minn Reuben Mifsud u li minnhom inħarġu mill-espert maħtur mill-Qorti, Donald Tabone, fotogrammi li juri inkonfutabbilment li l-persuna minn fost it-tliet persuni li daħlu fil-binja u li ppruvat tisgassa l-bieb imsejjaħ "*security door*", huwa tassew l-imputat li għandha quddimeha l-Qorti, Juanito Jimenez.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [22]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li ġew esebiti minn Reuben Mifsud[23] u ma kkontestax li dawn huma l-istess filmati li ġew mgħoddija lil PS 516 John Pizzuto u li minnhom inħarġu r-ritratti esebiti fl-atti u f'kull każ, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

[22] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.
[23] DVDs Dok. RM1 u Dok. RM2, li minnhom inħarġu r-ritratti esebiti mill-Ispettur Colin Sheldon (Dok. CS3 sa CS16) kif ukoll il-fotogrammi mill-espert ġudizzjarju fir-relazzjoni Dok. DT1.

L-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Joseph Mercieca, għaraf il-persuna li dehret fir-ritratti li ttellgħu fuq is-sistema tal-Pulizija - liema ritratti huma l-istess ritratti bħal dawk li nħarġu mill-filmati tas-CCTV cameras fl-Universita' ta' Malta minn Reuben Mifsud – bħala l-imputat odjern Juanito Jimenez. Identifikazzjoni li saret f'termini inekwivoċi u inkonfutabbli ("*mingħajr ombra ta' dubju*") minħabba l-fatt illi huwa kien arresta u prosegwixxa lill-imputat f'każ separat.

Il-Qorti tqis illi din l-identifikazzjoni tal-imputat mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[24].

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

---

[24] **R. vs. Caldwell and Dixon**, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[25].

Iżda fuq kollox, il-Qorti rat hija stess ir-ritratti li nħarġu minn dawn il-filmati u taqbel illi l-imputat jintgħaraf minnufih u mingħajr diffikolta': wara kollox, il-Qorti kellha okkażjoni tara lill-imputat quddiemha fid-diversi seduti miżmuma fil-kors ta' din il-kawza u ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi li effettivament, il-persuna li jidher f'dawn il-filmati m'huwa ħadd ħlief l-imputat Juanito Jimenez. Minn dan jikkonsegwi illi l-istess imputat huwa wkoll il-persuna li tidher fil-filmati u fir-ritratti jipprova jisgassa wieħed mill-bibien fil-Fakolta' tal-Kimika, anke għaliex hu eskluż li din il-persuna, liebsa l-istess ħwejjeġ bħall-imputat, hija waħda miż-żewġ malviventi l-oħra li daħlu fil-binja flimkien mal-imputat.

Dan kollu magħdud hu biżżejjed fil-fehma tal-Qorti biex tinstawra fiha konvinċiment morali, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputat kien wieħed mit-tliet persuni li daħlu bi sgass fil-binja tal-Fakolta' tal-Kimika fl-Universita' ta' Malta fil-25 ta' Ġunju 2020.

B'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li l-movimenti ta' dawn il-persuni, kif jirriżulta mill-filmati u kif ukoll mir-ritratti li nħarġu mill-istess filmati, ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-azzjonijiet ta' dawn it-tliet persuni, fosthom l-imputat, jikkostitwixxu effettivament, atti preparatorji li taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' serq: serq mill-kamra li fiha jsiru testijiet tal-kampjuni ta' droga li jkunu esebiti fil-Qorti. Hu ovvju li kienet proprju din il-kamra d-destinazzjoni tal-malviventi għaliex

[25] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

mill-entratura tal-binja jidher li huwa telgħu direttament għat-tielet sular fejn tinstab din l-istess kamra u minnufih daru għall-ewwel bieb ta' din il-kamra u pprovaw jisgassawh. Iżda mix-xhieda jirriżulta illi dan l-ewwel bieb huwa armat b'alarm li jdoqq appena jidentifika *security breach*, kif effettivament għamel f'dan il-każ. Kemm hu hekk, kien proprju id-daqq tal-alarm li jikkostitwixxi l-ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-imputat, li minħabba fiha d-delitt ma setax jiġi eżegwit, għaliex evidentement id-daqq tal-alarm kexkex lill-malviventi u sfratta l-eżekuzzjoni tas-serqa: dan jidher ċar mill-filmati li juru lill-malviventi jitilqu ħesrem u jaħarbu minn fuq il-post.

Għalhekk, jikkonkorru l-elementi kollha għall-applikazzjoni tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 41 tal-Kap. 9 biex l-imputat jinstab ħati ta' attentat ta' serq, serq li hu kwalifikat bil-mezz u bil-vjolenza numerika iżda mhux bil-kwalifiċi tal-lok u tal-valur kif imsemmi fit-tieni imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni.

Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li turi illi fil-kamra li kienet fil-mira tas-serq, kienu jinżammu oġġetti li għandhom valur li jaqbeż dak il-valur imsemmi fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9. Huwa minnu illi din il-kamra tintuża għall-analiżi ta' droga u sustanzi oħrajn li għandhom valur, iżda x-xhieda ta' Dr. Godwin Sammut u Prof. Emanuel Sinagra ma tħalli l-ebda dubju li l-kampjuni li jiġu analizzati f'dan il-laboratorju jinżammu f'lok ieħor sigur u ma jitħallewx fil-laboratorju. Għalkemm jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Prof. Emanuel Singara li dan il-laboratorju fih apparat tal-analiżi li għandu valur sostanzjali, ma hemm ebda prova kwalsiasi li kien dan l-apparat li kien fil-mira tal-imputat u l-malviventi kompliċi tiegħu u jew il-valur tiegħu.

In kwantu għall-kwalifika tal-lok, il-Qorti, anke għaliex huwa eskluż mix-xhieda li f'dan il-laboratorju iservi bħala maħżen jew lok ta' depożitu, tqis illi bħala entita' separata b'personalita' ġuridika distina, l-Universita' ta' Malta m'hijiex tal-Gvern u konsegwentement, il-proprjeta' tagħha ma tistax titqies li hija proprjeta', wisq inqas

maħżen jew tarzna, tal-Gvern. Fil-fatt, fi kwalsiasi każ, l-Avukat Ġenerali ma indikax il-kwalifika tal-lok taħt l-Artikolu 269 tal-Kap. 9 fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-imputat għandu jinstab ħati tad-delitt ta' attentat ta' serq li kien qed jitwettaq bil-kompliċita' ta' żewġ persuni oħrajn, fejn dawn it-tliet persuni lkoll dehru li kienu qegħdin jaġixxu skematikament bl-iskop li jidħlu bil-forza fil-laboratorju fil-Fakolta' tal-Kimika, il-Qorti hi tal-fehma li huma ppruvati wkoll l-elementi tar-reat ta' assoċjazzjoni taħt l-Artikolu 48A tal-Kap. 9, kif indikat fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali.

Dan qed jingħad għaliex l-assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu (diversament mill-assocjazzjoni fir-reati tad-drogi taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) mhix reat *a se stante*, imma jiddependi fuq ir-reat li dwaru hemm assoċjazzjoni. Fi kliem ieħor, jekk il-ħatja jkunu waslu għall-istadju tal-ippjanar biss, allura japplika dan l-Artikolu 48A tal-Kap. 9 biex titkejjel il-piena, iżda jekk jgħaddu għall-bidu tal-eżekuzzjoni, allura jissopravjeni t-tenttativ u l-piena tkun ogħla. Fil-fatt, l-assoċjazzjoni maħsuba taħt l-Artikolu 48A tal-Kap. 9 tibda teżisti **mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati**, u fil-każ in diżamina hu evidenti mill-movimenti li jidhru fil-filamati, illi bejn it-tliet persuni fosthom l-imputat kien hemm *a concerted plan of action* biex jikkommettu flimkien id-delitt ta' serq aggravat, tant illi kif diġa' ġie stabbilit, huma effettivament taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, nonche' permezz tal-isgassar tal-ewwel bieb li jipprovdi aċċess għall-kamra li kienet evidentement fil-mira tal-azzjonijiet tagħhom.

Kif ġie ritenut in propositu:-

"*bejn ir-reat ta' assoċjazzjoni u r-reat ta' serq aggravat m'hemmx inseparabilita` ġuridika. Il- "fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol ta' l-ewwel reat huwa l-ftehim bejn mill-inqas tnejn min-nies biex*

*iwettqu delitt. Bħalma jgħid is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48A, l-assoċjazzjoni "tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni". Il-qofol tat-tieni reat huwa s-serq (f'dan il-każ, it-tentattiv ta' serq), naturalment bil-kwalifiki attinenti. Dak li jeżisti bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap huwa l-konkors materjali u allura l-applikabilita` tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*"[26]

Għaldaqstant, għalkemm sejra tinstab ħtija fl-imputat għar-reat ta' assoċjazzjoni, billi dan ir-reat jikkostitwixxi l-mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' serq aggravat, liema reat ma ġiex eżegwit minħabba ħaġa aċċidentali, sejra tingħata l-piena biss għar-reat tal-attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza u mezz li huwa r-reat iktar gravi.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli li kkommetta reat waqt li kien meħlus mill-arrest permezz ta' żewġ digrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali: wieħed datat 29 ta' Novembru 2018 u l-ieħor datat 15 ta' Mejju 2020. Kopja fotostatika ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ digrieti, debitament awtentikati mid-Deputat Reġistratur ta' dik il-Qorti, ġew esebiti fl-atti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur u konfermati ulterjorment bix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali relattivi[27].

Dawn il-provi ma jħallu l-ebda dubju li dawn id-digrieti mhux biss ingħataw fi proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tal-imputat odjern iżda kienu għadhom fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti li taw lok għall-akkużi odjerni. Minn eżami ta' dawn iż-żewġ digrieti jirriżulta wkoll illi l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt il-kundizzjoni komuni li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. Kundizzjoni li evidentement, l-imputat għażel li jinjora bl-iktar mod sfaċċat meta kkommetta delitt gravi u volontarju biss ftit iktar minn xahar wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest fil-15 ta' Mejju 2020. Mhux hekk biss, iżda l-imputat

[26] **Repubblika ta' Malta v. Antoine Grima u *omissis***, deċiża 13 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[27] Xhieda tal-Ispettur John Spiteri, 17 ta' Settembru 2020, u xhieda tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri, 1 ta' Diċembru 2020.

kiser l-iktar obbligu gravi impost fuqu, dak li ma jikkommettix delitt ieħor volontarju. Ksur li għalhekk jimmerita wkoll sanzjoni gravi.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll li huwa reċidiv għall-finijiet tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni produċiet in atti kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Awwissu 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Juanito Jimenez**[28], kopja li ġiet awtentikata bit-timbru u l-firma u kif ukoll ix-xhieda[29] tad-Deputat Reġistatur tal-Qorti li erogat is-sentenza kif ukoll ippreżentata bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur. Evidentement, il-ħati li ġie kkundannat b'din l-imsemmija sentenza m'hu ħadd ħlief l-imputat odjern għaliex il-konnotati tiegħu inkluż in-numru uniku tal-karta tal-identita', huma identiċi għall-konnotati tal-imputat Juanito Jimenez. Barra dan, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova[30] illi ma kienx ġie intavolat appell minn din is-sentenza u hija għalhekk *res judicata*.

Dan ifisser illi l-imputat għandu jinstab ħati li huwa reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 iżda mhux għall-fini tal-Artikolu 289 tal-istess Kap. 9. Is-sentenza tad-29 ta' Awwissu 2019 hija l-unika sentenza li ġiet prodotta in atti in sostenn tal-addebitu tar-reċidiva u l-Qorti ma għandha quddiemha l-ebda sentenza oħra li kkundannat lill-imputat odjern għad-delitt ta' serq. Għalhekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 ma ġewx sodisfatti għaliex kif inhu risaput, il-fedina penali waħedha mhijiex l-aħjar prova tar-reċidiva.

L-imputat għandu jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 għaliex jirriżulta illi huwa kkommetta d-delitt fil-25 ta' Ġunju 2020 inqas minn ħames snin minn meta l-piena erogata bis-sentenza tad-29 ta' Awwissu 2019, ta' erba' xhur priġunerija, ġiet skontata. Kif rajna, ma ġiex intavolat appell mill-imsemmija

[28] Dok. JM5 fol 169 *et seq.*
[29] Xhieda ta' Graziella Abela, 24 ta' Marzu 2021.
[30] Xhieda tar-Reġistratur tal-Qorti, Eunice Grech Fiorini, 24 ta' Marzu 2021.

sentenza, li jfisser illi l-piena ta' erba' xhur priġunerija ġiet skontata ferm inqas minn ħames snin qabel il-kommissjoni tad-delitt fil-25 ta' Ġunju 2020.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata mill-Qorti fuq sejbien ta' ħtija għd-delitti ta' attenat ta' serq u assoċjazzjoni taħt l-Artikolu 48A tal-Kap 9, kif diġa' ngħad, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi ċioe' l-attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika u bil-mezz. Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li mhijiex waħda netta u filwaqt li jirriżulta li diġa' skonta pieni ta' priġunerija effettiva, ma jidhirx illi rriforma ruħu jew qiegħed juri xi titjib fl-imġieba tiegħu tant illi diġa' nstab ħati u ġie kkundannat f'żewġ okkażjonijiet oħrajn li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Huwa wkoll reċidiv, kif stabbilit, taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Imbagħad, għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis li l-kundizzjoni li ma ġietx imħarsa hija waħda gravi għaliex l-imputat wettaq reati kriminali meta kien ġie meħlus mill-arrest in konnessjoni ma' reati oħrajn kriminali li kien ġie mixli bihom f'żewġ proċedimenti separati. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kif ukoll il-gravita' tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom illum, l-imputat għandu jingħata piena karċerarja kif ukoll għandhom jiġu konfiskati *in toto* l-ammonti stabbiliti fiż-żewġ digrieti li bihom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija. Ikkunsidrat, madanakollu li r-reati taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 twettqu bħala mezz għall-fini tar-reati addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

**Għal dawn il-motivi, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 48A, 49, 50, 261(a)(b), 262(1)(b), 263, 264(1), 265, 276, 277(b), 278 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil JUANITO JIMENEZ ħati tal-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni safejn jikkonċernaw biss id-delitti li twettqu fil-25 ta' Ġunju 2020, u ħati wkoll tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u**

**50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għoxrin (20) xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

- **tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000), l-ammont totali stabbilit fid-digriet moghti fid-29 ta' Novembru 2018 li bih il-ħati inghata l-helsien mill-arrest taħt garanzija. Tirrevoka wkoll il-ħelsien mill-arrest li ngħata lill-ħati bl-imsemmi digriet tad-29 ta' Novembru 2018 u tordna r-riarrest mill-ġdid tiegħu; u**
- **tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000), l-ammont totali stabbilit fid-digriet moghti fil-15 ta' Mejju 2020 li bih il-ħati inghata l-helsien mill-arrest taħt garanzija. Tirrevoka wkoll il-ħelsien mill-arrest li ngħata lill-ħati bl-imsemmi digriet tal-15 ta' Mejju 2020 u tordna r-riarrest mill-ġdid tiegħu.**

**Tordna li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digrieti tad-29 ta' Novembru 2018 u fil-15 ta' Mejju 2020.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati JUANITO JIMENEZ iħallas lir-Reġsitratur tal-Qorti s-somma totali ta' mija u sitta u sebgħin Euro (€176) rappreżentanti terz (1/3) tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[31].**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[31] Espert Donald Tabone, relazzjoni Dok. DT1, total ta' €526.16.